MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2384/2002

**Sms Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nazzareno Bonanno**

**Vs**

**Roderick Farrugia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm559.00c (hames mija u disgha u hamsin lira Maltin) rappresentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Barrani nhar il-25 ta' Ottubru, 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura CAS 668 habat mal-vettura TBA 001 misjuqa minn Nazzareno Bonanno, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghax legali.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------